

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 564/2012

tas-27 ta' Ġunju 2012

li jistabbilixxi l-livelli massimi tal-baġit għall-2012 applikabbli għal ċerti skemi ta' għajjnuna diretta li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003<sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 51(2), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(3), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 123(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 131(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-Istati Membri li fl-2012 qed jimplementaw l-iskema ta' pagament uniku prevista fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu stabbiliti l-livelli massimi tal-baġit għall-2012 għal kull pagament imsemmi fl-Artikoli 52, 53 u 54 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għall-Istati Membri li fl-2012 qed jużaw l-għażliet li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 69(1) jew 131(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom jiġu stabbiliti l-livelli massimi tal-baġit għall-2012 għall-għajjnuna speċifika msemmija fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.
- (3) L-Artikolu 69(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jillimita r-risorzi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura akkoppjata li dwarha hemm dispożizzjoni fil-punti (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Artikolu 68(1)(a) u fl-Artikolu 68(1)(b) u (e) għal 3,5 % tal-livell massimu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 40 tal-istess Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-livelli massimi li jirriżultaw mill-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri għall-miżuri kkonċernati.
- (4) Skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammonti kkalkulati skont l-Artikolu 69(7) ta' dak ir-Regolament ġew stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009<sup>(2)</sup>. Għal raġunijiet ta'

ċarezza, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri li beħsiebhom jużaw skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

- (5) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-livelli massimi tal-baġit għall-2012 applikabbli għall-iskema ta' pagament uniku, li jiġu billi l-livelli massimi stabbiliti għall-pagamenti msemmija fl-Artikoli 52, 53, 54 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jitnaqqsu mil-livelli massimi mogħtija fl-Anness VIII għall-istess Regolament. L-ammont li għandu jitnaqqas mill-Anness VIII msemmi sabiex tiġi ffinanzjata l-għajjnuna speċifika li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont totali għall-għajjnuna speċifika nnotifikat mill-Istati Membri u l-ammonti nnotifikati għall-finanzjament tal-għajjnuna speċifika skont l-Artikolu 69(6)(a) tal-istess Regolament. Fejn Stat Membru li qed jimplementa l-iskema ta' pagament uniku jiddeċiedi li jagħti l-għajjnuna msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 68(1), l-ammont innotifikat lill-Kummissjoni għandu jiġi inkluż fil-livell massimu għall-iskema ta' pagament uniku, minħabba li din l-għajjnuna tieħu l-forma ta' żieda fil-valur tal-unità u/jew fl-għadd ta' drittijiet tal-bidwi għall-pagamenti.
- (6) Għandhom jiġu stabbiliti l-pakketti finanzjarji annwali skont l-Artikolu 123(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għall-Istati Membri li fl-2012 qed jimplementaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja li dwarha hemm dispożizzjoni fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V ta' dak ir-Regolament.
- (7) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għoti ta' pagamenti separati għaz-zokkor fl-2012 skont l-Artikolu 126 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.
- (8) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għoti ta' pagamenti separati għall-frott u l-ħaxix fl-2012 skont l-Artikolu 127 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.
- (9) Għandhom jiġu ppubblikati, għall-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja u abbażi tan-notifika tagħhom, il-livelli massimi tal-baġit għall-2012 applikabbli għall-pagamenti tranżizzjonali għall-frott u l-ħxejjex fl-2012 skont l-Artikolu 128(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 316, 2.12.2009, p. 1.

- (10) Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandhom jiġu ppubblikati l-ammonti massimi tal-fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-għoti ta' pagamenti separati għall-frott artab fl-2012 skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, stabbiliti abbażi tan-notifika tagħhom.
- (11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2012 imsemmija fl-Artikolu 51(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
2. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2012 imsemmija fl-Artikolu 69(3) u fl-Artikolu 131(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
3. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2012 għall-għajnuna li dwarha hemm dispożizzjoni fil-punti (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Artikolu 68(1)(a) u fl-Artikolu 68(1)(b) u (e) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.
4. L-ammonti li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri skont l-Artikolu 69(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 biex ikopru l-għajnuna speċifika prevista fl-Artikolu 68(1) tal-istess Regolament huma stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

5. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2012 applikabbli għall-iskema ta' pagament uniku msemija fit-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

6. Il-pakketti finanzjarji annwali għall-2012 imsemmija fl-Artikolu 123(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

7. L-ammonti massimi ta' fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-għoti tal-pagament separat għaz-zokkor fl-2012, kif imsemmi fl-Artikolu 126 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

8. L-ammonti massimi ta' fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja għall-għoti tal-pagament separat għall-frott u l-ħaxix fl-2012, kif imsemmi fl-Artikolu 127 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

9. Il-livelli massimi tal-baġit għall-2012 msemija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 128(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 huma stipulati fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

10. L-ammonti massimi ta' fondi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-Bulgarija, l-Ungerija u l-Polonja għall-għoti tal-pagament separat għall-frott artab fl-2012, kif imsemmi fl-Artikolu 129 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, huma stabbiliti fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

## ANNEX I

**IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI LI GĦANDHOM JINGĦATAW SKONT L-ARTIKOLI 52, 53 U 54 TAR-REGOLAMENT (KE)  
Nru 73/2009**

**Is-sena kalendarja 2012**

*(f'eluf ta' Euro)*

	BE	DK	ES	FR	IT	AT	PT	SI	FI	SE
Primjums għan-nagħaġ u l-mogħoż							21 892		600	
Primjums addizzjonali għan-nagħaġ u l-mogħoż							7 184		200	
Primjums għall-baqar li jreddgħu	77 565		261 153	525 622		70 578	78 695			
Primjums addizzjonali għall-baqar li jreddgħu	19 389		26 000			99	9 462			
Il-frott u l-ħaxix minbarra t-tadam – l-Artikolu 54 (2)				33 025	850					

## ANNEX II

**IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠĠIT GĦALL-GĦAJNUNA SPEĊIFIKA LI DWARHA HEMM DISPOŻIZZJONI FL-ARTIKOLU 68(1) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009**

**Is-sena kalendarja 2012**

Stat Membru	(f'eluf ta' Euro)
Il-Belġju	8 600
Il-Bulgarija	28 500
Ir-Repubblika Ċeka	31 826
Id-Danimarka	36 325
L-Estonja	1 253
L-Irlanda	25 000
Il-Greċja	108 000
Spanja	248 065
Franza	466 600
L-Italja	321 950
Il-Latvja	5 130
Il-Litwanja	13 304
L-Ungerija	130 898
Il-Pajjiżi l-Baxxi	37 900
L-Awstrija	13 900
Il-Polonja	106 558
Il-Portugall	34 111
Ir-Rumanija	37 545
Is-Slovenja	13 154
Is-Slovakkja	12 000
Il-Finlandja	52 483
L-Isvezja	3 469
Ir-Renju Unit	29 800

L-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri biex tingħata l-għajnuna msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 68(1) li huma inklużi fil-livell massimu tal-iskema ta' pagament uniku.

Il-Greċja: EUR 30 000 elf

Is-Slovenja: EUR 5 400 elf

## ANNEX III

**IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAGĦT GĦALL-GĦAJNUNA LI DWARHA HEMM DISPOŻIZZJONI FIL-PUNTI (i), (ii), (iii) u (iv) TAL-ARTIKOLU 68(1)(a) U FL-ARTIKOLU 68(1)(b) U (e) TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009**

**Is-sena kalendarja 2012**

Stat Membru	(feluf ta' Euro)
Il-Belġju	4 461
Il-Bulgarija	28 500
Ir-Repubblika Ċeka	31 826
Id-Danimarka	18 285
L-Estonja	1 253
L-Irlanda	25 000
Il-Greċja	78 000
Spanja	184 965
Franza	297 600
L-Italja	152 950
Il-Latvja	5 130
Il-Litwanja	13 304
L-Ungerija	46 164
Il-Pajjiżi l-Baxxi	30 100
L-Awstrija	13 900
Il-Polonja	106 558
Il-Portugall	21 210
Ir-Rumanija	37 545
Is-Slovenja	7 754
Is-Slovakkja	12 000
Il-Finlandja	52 483
L-Isvezja	3 469
Ir-Renju Unit	29 800

## ANNEX IV

L-AMMONTI LI GĦANDHOM JINTUŻAW MILL-ISTATI MEMBRI SKONT L-ARTIKOLU 69(6)(a)  
TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009 BIEX IKOPRU L-GĦAJNUNA SPEĊIFIKA LI DWARHA HEMM  
DISPOŻIZZJONI FL-ARTIKOLU 68(1) TA' DAK IR-REGOLAMENT

## Is-sena kalendarja 2012

Stat Membru	(f'eluf ta' Euro)
Il-Belġju	8 600
Id-Danimarka	23 250
L-Irlanda	23 900
Il-Greċja	70 000
Spanja	144 400
Franza	84 000
L-Italja	144 900
Il-Pajjiżi l-Baxxi	31 700
L-Awstrija	11 900
Il-Portugall	21 700
Is-Slovenja	5 400
Il-Finlandja	6 190

## ANNEX V

## IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU

Is-sena kalendarja 2012

Stat Membru	(f'eluf ta' Euro)
Il-Belġju	517 901
Id-Danimarka	1 035 927
Il-Ġermanja	5 852 938
L-Irlanda	1 339 769
Il-Greċja	2 225 227
Spanja	4 913 824
Franza	7 586 247
L-Italja	4 202 085
Il-Lussemburgu	37 671
Malta	5 137
Il-Pajjiżi l-Baxxi	891 551
L-Awstrija	679 111
Il-Portugall	476 907
Is-Slovenja	129 221
Il-Finlandja	523 455
L-Isvezja	767 437
Ir-Renju Unit	3 958 242

## ANNEX VI

**IL-PAKKETTI FINANZJARJI ANNWALI GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU SKONT L-ERJA****Is-sena kalendarja 2012**

Stat Membru	(f'eluf ta' Euro)
Il-Bulgarija	472 216
Ir-Repubblika Ċeka	755 659
L-Estonja	90 789
Ċipru	45 787
Il-Latvja	125 540
Il-Litwanja	323 394
L-Ungerija	1 033 364
Il-Polonja	2 504 542
Ir-Rumanija	1 043 001
Is-Slovakkja	328 485

## ANNEX VII

**L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI LI GĦANDHOM GĦAD-DISPOŻIZZJONI TAGĦHOM L-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTI TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦAZ-ZOKKOR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 126 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009****Is-sena kalendarja 2012**

Stat Membru	(f'eluf ta' Euro)
Ir-Repubblika Ċeka	44 245
Il-Latvja	3 308
Il-Litwanja	10 260
L-Ungerija	41 010
Il-Polonja	159 392
Ir-Rumanija	6 062
Is-Slovakkja	19 289



## ANNEX VIII

**L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI LI GĦANDHOM GĦAD-DISPOŻIZZJONI TAGĦHOM L-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTI TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦALL-FROTT U L-ĦAXIX IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 127 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009**

**Is-sena kalendarja 2012**

Stat Membru	(f'eluf ta' Euro)
Ir-Repubblika Ċeka	414
L-Ungerija	4 756
Il-Polonja	6 715
Is-Slovakkja	690

## ANNEX IX

**IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-PAGAMENTI TRANŻIZZJONALI FIS-SETTUR TAL-FROTT U L-ĦAXIX IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 128 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009**

**Is-sena kalendarja 2012**

(f'eluf ta' euro)

Stat Membru	Ċipru
Il-frott u l-ħaxix minbarra t-tadam – l-Artikolu 128(2)	3 359

## ANNEX X

**L-AMMONTI MASSIMI TA' FONDI LI GĦANDHOM GĦAD-DISPOŻIZZJONI TAGĦHOM L-ISTATI MEMBRI GĦALL-GĦOTI TAL-PAGAMENTI SEPARATI GĦALL-FROTT ARTAB IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 129 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 73/2009**

**Is-sena kalendarja 2012**

Stat Membru	(f'eluf ta' Euro)
Il-Bulgarija	226
L-Ungerija	391
Il-Polonja	11 040